MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tal-21 ta' Settembru, 2013

Numru. 492/2013

**Il-Pulizija**
**(Spettur Gabriel Micallef)**
**(Spettur Pierre Grech)**

**vs**

**Edward Grech**

**Il-Qorti**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi **Edward Grech,** iben Raymond u Anna nee' Pace, imwieled nhar l-24 ta' Ottubru 1983 gewwa l-Pieta, residenti gewwa l-fond 17, Silverstone Court, Flat 1, Triq Giuseppe Cali', Gharghur u detentur tal-karta tal-Identita Maltija bin-numru 569283M

Akkuzat talli f'dawn il-gzejjer, nhar l-20 ta’ Settembru 2013 u fix-xhur ta’ qabel din id-data

1. Kellu fil-pussess tiegħu il-pjanta *Cannabis* kollha jew biċċa minnha bi ksur ta’ l-Artikolu 8(d) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta’ Malta.
2. Kellu fil-pussess tiegħu ir-raza meħuda mill-pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bħala bazi din ir-raza bi ksur ta’ l-Artikolu 8(a) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti giet mitluba li f'kaz ta’ htija barra milli tapplika l-piena skond il-ligi tordna lill-imputat jhallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skond l-artikolu 533(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-artikoli 8(a)(d) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rta l-Ordni ta’l-Avukat Generali biex dan il-kaz jigi trattat minn din il-Qorti bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali.

Rat li l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Rat id-dokuemnti esebiti.

Semghet it-tratazzjoni dwar il-piena.

Ikkunisdrat

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reat li tieghu qed jinstab hati l-imputat, l-koperazzjoni tieghu mal-pulizija u l-ammissjoni f’l-aktar stadju bikri ta’ dawn il-proceduri kif ukoll il-fedina penali tieghu.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat l-artikoli 8(a)(d) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta’l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u b’applikazzjoni ta’l-artikolu 7 tal-Kapitolu qed tpoggih taht ordni ta’ probation ghal perjodu ta’ sentejn bil-kundizzjonijiet elenkati f’l-ordni mghoti kontestwalment. In

oltre l-Qorti qed tordna d-distruzzjoni, a karigu ta-Registratur ta’ din il-Qorti, tas-sustanza esebieta Dok PG4.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta’ din is-sentenza u x’jigri jekk jikkommetti reat iehor fi zmien sentejn u jekk ma joqghod ghall-ordnijiet lilu mghotija.

Il-Qorti qed tordna n-notifika ta’ din is-sentenza lid-Direttur ta’ l-ufficju tal-probation.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------